9 ta' April, 1954.

Imħallfin :-

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Arthur Miller** *versus* **Edward Galea**

**Speċifikazzjoni — "Copyright" — Fotografija — Kawżali — Copyright Act ta' l-1911 — Art. 614 u 616 tal-Kap. 23.**

*Domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni in bażi għal ċerta liġi, tista' tiġi kunsidrata taħt liġi oħra, għax b'daqshekk ma tiġix tinbidel il-kaw-*

*żali tat-talba, imma tkun biss kristjoni ta' ligi, waħda jew oħra, li tkun applikabili għall-każ.*

*Skond id-Dritt Modern, hemm l-ispeċifikazzjoni meta artiġjan jew l-walunkiċ persuna oħra jinqdew b'materjal mhux tagħhom sabiex jagħmlu xi ħaġa ġdida.*

*Meta persuna tipproduċi ħaġa ta' xorta ġdida minn materjal ta' ħadd ieħor, sid il-materjal, avvolja dan il-materjal ma jistax jiġi fl-istat ta' qabel, għandu dritt li jżomm il-ħaġa formata minn dik il-persuna; salv li jħallasha tal-prezz tan-nogħol. Iżda, meta n-nogħol ikun ta' valur superjuri bil-bosta għall-valur tal-materjal użat, allura n-nogħol jitqies bħala l-ħaġa prinċipali, u l-persuna li pproduċietu għandha d-dritt li żżomm il-ħaġa formata, salv li tħallas lis-sid il-prezz tal-materjal.*

*Opra artistika li karjet b'ritratt hi evidentement ferm superjuri għall-valur tal-film li ġie użat biex sar dak ir-ritratt; u għalhekk, in bażi għar-regola ta' l-ispeċifikazzjoni, dak li ġibed ir-ritratt bil-film ta' ħadd ieħor għandu jitqies bħala sid dak ir-ritratt.*

*Taħt il-Copyright Act, 1911, il-pożizzjoni ġuridika hija illi l-persuna li kienet is-sid tal-film tan-negativa oriġinali meta saret dik in-negativa, għandha titqies bħala l-awtur ta' l-opra; imma, fil-każ ta' ritratt, il-proċess iestendi għan-nogħol kollu meħtieġ biex tiġi żviluppata u furmata lesta minn kollox dik in-negativa. Imma, jekk bejn min ġibed ir-ritratt bil-film ta' ħadd ieħor u sid dak il-film, li anki żviluppah, kien hemm ftehim ta' kollaborazzjoni, speċi ta' assoċjazzjoni, biex jiġi sfruttat l-inċident li ġie fotografat, allura r-ritratt, taħt il-Copyright Act, huwa tat-tnejn, għax ġie prodott b'negativa li kienet tat-tnejn, billi bis-saħħa ta' dak il-ftehim dik in-negativa ġiet konferita f'dik l-assoċjazzjoni.*

Il-Qorti ; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi meta l-kontendenti kienu ġimkien Għawdex, u huwa nduna b'serp li kien ħataf u qiegħed joqtol ġurdien, ippersważa lill-konvenut li jagħtih il-camera tiegħu biex jieħu ritratt ta' dik ix-xena, billi dak il-ħin huwa ma kellux film fil-camera tiegħu ; u illi, qabel ma huwa ħa r-ritratt, sar diskors bejn il-kontendenti fis-sens li l-istess ritratt kellu jkun tat-tnejn, u kull qliegħ provenjenti mill-istess jinqasam bejniethom

ugwalment; u illi fil-fatt ir-ritratt ħareġ tajjeb (dok. *A*), u l-konvenut għall-bidu beda jirrikonoxxi lill-instanti l-interess tiegħu fir-ritratt, billi jistaqsieh dwar dak li jagħmlu bih, però in segwitu beda jagħtih il-ġenb, u meta daħħal xi flus irrifjuta li jagħtih nofs l-istess qliegħ, u beda jippretendi li r-ritratt u n-negativa huma tiegħu waħdu; u li bil-fula tiegħu ġiet kreata opera artistika minn oġġetti tal-konvenut, b'mod li, anki kieku dawn ġew użati u adoperati mill-instanti kontra l-volontà tal-konvenut, l-istess opera tappartjeni lilu, salv, se maj, f'dan il-każ ir-rimborż tal-prezz ta' l-oġġetti fil-konvenut (i.e. prezz tal-film u kumpens għall-użu tal-makna fotografika), u dana fis-sens ta' l-art. 616 tal-Kodiċi Ċivili; u talab illi, wara li jinagħtaw il-provvedimenti li jmissu, u previja d-dikjarazzjoni li l-instanti għandu interess, almenu fin-nofs, fil-proprjetà tan-negativa tar-ritratt in kwistjoni, u konsegwentement f'kull profitt li sar u għad isir minnha, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jagħtih kont fidil u ġust tal-qliegħ li sal-lum għamel mir-ritratt ġa msemmi, munit bil-ġustifikazzjonijiet relativi; u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat. B'riżerva ta' kull dritt ieħor tiegħu, partikolarment jekk il-konvenut jonqos milli jagħti l-kont riferit; u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1953, li biha ddeċidiet billi, waqt li ddikjarat illi l-attur m'għandu ebda dritt, bħala sehem, fil-proprjetà tan-negativa tar-ritratt fil-kwistjoni, u kwindi f'kull profitt li sar u li jista' jsir minnha, irrespingiet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi fis-17 ta' Ġunju 1952, il-kontendenti, it-tnejn impjegati mal-Gvern, kienu Għawdex in konnessjoni ma' l-impjieg tagħhom, u wara x-xogħol ħarġu jagħmlu dawra flimkien. It-tnejn kienu ħadu Għawdex, minn Malta, camera tar-ritratti, billi huma dilettanti fil-fotografija: imma meta ħarġu flimkien, kien il-konvenut biss li ħa miegħu l-camera, li kienet tal-marka "Rollfix", għaliex l-attur kien ħalla l-camera tiegħu, tal-marka "Agfa", il-lukanda. L-attur jippretendi illi dak inhar, meta ħareġ mal-konvenut, f'xi l-4 p.m., meta kienu ħdejn il-Knisja

"Ta' Pinu", hu sama' twerżiqa żgħira, li, kif osserva, kienet ġejja minn ġurdien li kien go l-ħajt, u li kien qiegħed jiġi magħfus minn serp, jew lifa'. Billi deherlu illi dik kienet okkażjoni straordinarja, huwa talab lill-konvenut biex jagħtih il-camera ħalli jieħu ritratt ta' dik ix-xena, waqt li osservalu li dik kienet opportunità rari ħafna; illi l-konvenut għall-ewwel ma riedx, billi qallu li ma riedx jaħli film fuq ġurdien, iżda hu pperswadieh biex jagħtih il-camera, billi qallu wkoll illi, jekk ir-ritratt jiġi tajjeb, huma jagħmlu l-flus bih, u jibgħatuh x'imkien; li allura l-konvenut tah il-camera, u huwa rranġaha, hares lejn ix-xemx biex jara l-angolu, tbaxxa, u ġibed ir-ritratt; li kif kienu sejrin lura, il-konvenut qallu illi kien veru li b'dak ir-ritratt, jekk jiġi tajjeb, kellhom igibu l-ispejjeż; illi wara ftit taż-żmien huwa staqsa lill-konvenut jekk kienx żviluppa dak il-film, u dana qallu li kien, u li r-ritratt kien ġie famus. Huwa talab in-negativa lill-konvenut biex jagħmel ftit ritratti minnha, imma l-konvenut ma tahielux, billi qallu illi kellu jagħtih ritratt; u meta staqsieh x'kienu ser jagħmlu, huwa ssuġġerielu illi jippruvaw jibgħatuh lil xi gazzetti, u semmielu n-"News of the World" u s-"Sunday Despatch". Il-konvenut semma xi gazzetti oħra, u staqsih min minnhom kellu jiffirma; hu qallu illi għalih kien xorta waħda;

Illi wara ftit taż-żmien, il-konvenut urieh ittra li kien irċieva mill-"Picture Post", fejn kienu offrewlu xi flus jekk ir-ritratt jobrogilhom tajjeb biex jipprintjawh f'dik il-gazzetta, u jerġgħu jibgħatu lura n-negativa; li r-ritratt ġie riprodott f'dik il-gazzetta, u ġie tajjeb; illi in segwitu hu sar jaf li r-ritratt ġie riprodott ukoll fit-"Tempo", u staqsa lill-konvenut jekk kienx sejjer jieħu xi passi dwar daqshekk, imma l-konvenut ma rrisponda xejn; illi huwa qal lil-konvenut illi kien sejjer jikteb lit-"Tempo", imma billi l-konvenut qallu illi ma kellux dritt jagħmel dan, u huwa għall-kuntrarju sostna illi kellu dritt daqs il-konvenut, ġiet din il-kawża;

Illi l-konvenut jiċħad għal kollox illi f'xi żmien, qabel jew wara li l-attur ħa dak ir-ritratt, dan ftiehem miegħu, jew sar xi diskors bejniethom, fuq flus jew profitti li seta' jkun hemm minn dak ir-ritratt. Il-konvenut jallega illi huwa wkoll kien "sama'" t-twerżieqa tal-ġurdien, u semagħha x'hin kien

sejjer jieħu r-ritratt tal-faċċata tal-Knisja "Ta' Pinu"; għalhekk, minflok dak ir-ritratt, huwa ried jieħu r-ritratt tal-ġurdien, u ssettja l-"focal lens" tal-camera għad-dawl li kien meħtieġ biex jieħu dak ir-ritratt, imma mbagħad, mingħajr ma jaf kif u bla ebda ħsieb, ta l-camera lill-attur biex jiġbed ir-ritratt huwa, u dana ħa dak ir-ritratt mingħajr ma mess il-makna rigward is-"setting" Kien wara li ġie Malta, u kien żviluppa l-film huwa stess, illi l-attur staqsieh kif kienu ġew ir-ritratti li kienu ħadu Għawdex. In segwitu l-attur talbu n-negativa, u huwa qallu li ma jagħtihilux, imma kellu jibgħatlu, kif bgħatlu, "print", li hu dak eżibit (dok. fol. 6). Wara xi żmien huwa wera dak ir-ritratt lil ħafna nies, fosthom lil wieħed ingliż, korrispondent ta' gazzetti ingliżi, li ddettalu ittra u bagħatha lill-"Picture Post". Il-konvenut jiċħad illi huwa talab parir lill-attur lil min kellu jikteb għar-riproduzzjoni tar-ritratt fil-kwistjoni f'gazzetti esteri;

Illi l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq żewġ kawżali :— (a) Illi, qabel ma huwa ħa r-ritratt, kien hemm ftehim bejnu u l-konvenut illi dak ir-ritratt kellu jkun tat-tnejn, u illi kull qliegħ provenjenti mill-istess kellu jinqasam bejniethom ugwalment; (b) u illi, skond ir-regola ta' l-ispeċifikazzjoni, sanċita fl-art. 616 tal-Kodiċi Ċivili, huwa akkwista l-proprjetà tar-ritratt;

Illi dwar l-ewwel kawżali, ma jidherx illi qabel ma l-attur ħa r-ritratt fil-kwistjoni kien hemm bejnu u l-konvenut il-ftehim pretiż minnu. Lanqas ma jirriżulta b'mod soddisfaċenti illi sar dak il-ftehim jew xi diskors ammontanti għal ftehim wara li ġie meħud dak ir-ritratt. Ma jirriżultax illi sar ftehim qabel, għaliex l-attur xehed (fol. 27) illi kull ma sar kien fl-intervall ta' sekondi, u mhux preżumibili illi f'intervall hekk qasir sata' jiġri kull ma semma l-attur, jiġifieri li huwa qal b'dak li ra lill-konvenut u talbu l-camera biex jieħu r-ritratt, li l-konvenut ma riedx, li mbagħad huwa pperswadieh, li mbagħad issettja l-makna, ħares lejn ix-xemx biex jara l-angolu, tbaxxa, u ġibed ir-ritratt. Barra minn hekk, kif ukoll xehed l-attur (fol. 27 tergo), dak il-ħin li ħa r-ritratt huwa ma qalx lill-konvenut illi kellhom jaqsmu bin-nofs preċiż. Lanqas ma jidher illi sar xi diskors tendenti li jikkonferma xi

ftehim li seta' sar qabel; għaliex, apparti l-konflitt bejn il-versjonijiet moghtija mill-kontendenti, skond l-attur, wara ma sar ebda ftehim jew xi diskors kif kellu jinqasam bejnu u l-konvenut il-qliegħ li seta' jġib dak ir-ritratt; anzi l-konvenut dejjem uriehi illi ma kellu ebda dritt jieħu minn għandu xi flus bħala sehmu minn kull eventwali profitt minn dak ir-ritratt;

Illi, dwar it-tieni kawżali, il-kelma moderna "speċifikazzjoni" tikkorrispondi għaċ-ċirkonlokuzzjoni tal-ġurekonsulti rumani "ex aliena materia speciem aliquam suo nomine facere" (L. 7, para. 7, D. *de a. r. d.*, XLI, 1), li biha kien ġie deżinjat il-fatt ta' min, biż-żieda ta' l-industrija tiegħu lill-oġġetti ta' ħadd ieħor, kien jagħmel oġġett ġdid bl-intenzjoni li jappropijah (L. 7, para. 7 ċit.; fr. LL. 25, 27 eod. tit.);

Ġie disputat bejn il-ġurekonsulti ta' l-età klassika lil min kien jappartjeni l-oġġett hekk maħluq. Nerva u Proculo riedu li kellu jappartjeni lill-awtur tal-bidla, billi kienu jikkunsidraw l-oġġett maħluq bħala assolutament ġdid; Sabino u Cassio riedu illi l-proprjetà kellha tibqa' tas-sid tal-materjal. Giustiniano solva l-kwistjoni billi adotta opinjoni medja, fis-sens li l-oġġett kellu jappartjeni lis-sid ta' qabel jekk kien jista' jirriprendi l-forma ta' qabel; altrimenti lil dak li kien ikun għamel l-ispeċi l-ġdida (Gaio, Inst. II, 79, para. 25; I, de rer. div. II, I; L. 7, para. 7 ċit.; ecc.). L-ispeċifikatur kien jibqa' dejjem proprjetarju jekk parti mis-sostanza adoperata minnu kienet tappartjeni lilu (L. 7, para. 7 ċit.);

Il-Kodiċi Taljan, fuq l-eżempju tal-Kodiċi Franċiż, jattribwixxi l-proprjetà lill-ispeċifikatur fil-każ biss li l-"mano d'opera" tkun "tanto pregevole da sorpassare di molto il valore della materia adoperata" (art. 470); jew, kif jgħallem ir-Ricci, "la differenza tra il valore della cosa e quello della mano d'opera dev'essere tale che la materia debba apparire come assolutamente vile a paragone del pregio del lavoro sovra essa fatto" (Diritto Civile, Vol. II, n. 116);

Illi skond id-Dritt Modern, hemm l-ispeċifikazzjoni meta artiġjan, jew kwalunkwe persuna oħra, jinqdew b'materjal mhux tagħhom sabiex jagħmlu minnu xi ħaġa ta' xorta ġdida (Laurent, Diritto Civile, Vol. VI, para. 316);

In propożitu, id-Dritt Patriju, bħal Kodiċi Taljan u dak Franċiż, jiddisponi illi, meta artiġjan, jew persuna oħra, ikunu nqdew b'materjal mhux tagħhom sabiex jagħmlu xi ħaġa ta' xorta ġdida, sid il-materjal għandu jedd, sew jekk il-materjal ikun jista', kemm jekk ma jkunx jista', jerġa' jieħu lura s-sura ta' qabel, għall-proprjetà tal-ħaġa li tkun ġiet magħmula bih, bl-obligu li jħallas lill-artiġjan jew persuna oħra l-prezz tax-xogħol. Din id-dispożizzjoni hi bażata fuq il-prinċipju illi "accessorium sequitur principale"; billi f'dan il-każ hu kunsidrat illi l-materjal jikkostitwixxi l-prinċipal u x-xogħol l-aċċessorju. Però l-Kodiċi jammetti eċċezzjoni għal din ir-regola, billi jiddisponi illi, meta x-xogħol ikun ta' valur tali li jkun jiswa bil-bosta iżjed milli jiswew il-materjali użati, ix-xogħol jitqies bħala ħaġa prinċipali, u l-artiġjan għandu jedd iżomm il-ħaġa hekk maħduma, billi jħallas lis-sid il-prezz tal-materjal (art. 616 Kod. Civ.); u f'dan il-każ ix-xogħol jiġi kunsidrat bħala prinċipali, u l-materjal bħala aċċessorju. U appuntu fuq din l-aħħar dispożizzjoni l-attur jibbaża t-talba tiegħu fuq it-tieni kawżali. Għalhekk irid jiġi eżaminat jekk din id-dispożizzjoni tapplikax għall-azzjoni ta' l-attur;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jridu jikkonkorru żewġ rekwiżiti: (1) illi x-xogħol irid ikun għamlu artiġjan, u mhux kwalunkwe persuna. U tabilħaqq, waqt illi l-Kodiċi Patriju fid-dispożizzjoni ta' l-art. 614 isemmi l-artiġjan jew persuna oħra, fid-dispożizzjoni tal-art. 616 isemmi biss l-artiġjan. L-istess ħaġa hemm fid-dispożizzjonijiet analogi tal-Kodiċi Franċiż (572) u tal-Kodiċi Taljan (art. 470). U dan bir-raġun irid ikun artiġjan, u mhux kull persuna li tkun, li tagħmel xogħol tali li bih tippriva l-proprjetarju minn ħwejġu, billi, kontra r-regola ġenerali, ix-xogħol jiġi kunsidrat prinċipali minflok il-materjal; (2) u illi x-xogħol, jew il-"workmanship", kif inhu mfisser fid-dizzjoni ingliża ta' din id-dispożizzjoni, irid ikun tali li bih firrigward tiegħu "minimo o poco considerevole debba ritenersi il valore della materia" (Ricci, loc. cit.);

Illi, in kwantu għall-ewwel rekwiżit, għall-finijiet tal-każ taħt eżami l-attur ma jista' qatt ikun u jiġi kunsidrat illi hu jew kien artiġjan: fis-sens illi hawa ma hux fotografu, imma.

kif xehed huwa stess, sempliċi dilettant tal-fotografija (fol. 23). Id-dilettant ma hux artiġjan; "artigiano è chi esercita una arte manuale o meccanica; operaio" (Premoli, Vocabolario Nomenclatore); "an artificer is a skilled workman; one who makes something, as distinguished from one who does something" (Stroud's Judicial Dictionary); u x-xogħol li għamel l-attur ma kienx dak ta' artiġjan;

*Illi, in kwantu għat-tieni rekwiżit*, ix-xogħol waħdu li għamel l-attur ma kienx biżżejjed biex bih jagħmel mill-film ir-ritratt li fil-fatt hareġ; fis-sens li huwa ma għamel ebda "workmanship". Biex ħareġ dak *ir-ritratt* kien hemm bżonn ta' diversi proċessi. "The operations required to produce a photograph are these:— (a) preparation of the sensitive negative material; (b) exposure in a camera; (c) development, with the after process, fixation, washing and drying; (d) preparation of the sensitive positive material; (e) printing; (f) development, fixation, washing and drying of the print" (Encyclopaedia Britannica, Vol. XVII, p. 780). Fost ħwejjeġ oħra, għalhekk, għall-ħruġ ta' dak ir-ritratt kien hemm bżonn, minbarra l-ġbid tal-molla tal-makna, li żgur għamilha l-attur, is-"setting" tal-camera u l-iżviluppar tal-film. Hemm konflitt min mill-kontendenti ssettja l-makna, billi kull wieħed minnhom isostni illi ssettjaha huwa. Apparti d-dubju, li għandu jmur favur il-konvenut, hi aktar verosimili l-verżjoni ta' dan ta' l-aħħar, jiġifieri li kien huwa li ssettja l-makna. Kif ġà ntqal, ma tantx hu possibili li fl-intervall tal-ftit sekondi li għaddew bejn meta ra l-ġurdien u ħa r-ritratt, kif xehed hu stess, l-attur seta' jissettja l-makna bid-dettalji kif fissirhom huwa, meta ried jagħmel kollox bil-għagla, u meta l-makna tal-konvenut li biha ħa r-ritratt kienet ta' marka differenti minn dik li kellu hu u li huwa kien jafa, u li kienet tirrikjedi ċerti proċessi biex tiġi ssettjata li l-attur ma kienx jafhom; u għalhekk hu wisq verosimili illi l-konvenut issettja l-makna huwa, billi kien ġà ssettjaha biex jieħu r-ritratt huwa, u taha lill-attur lesta u ssettjata biex dan kemm kemm jiġbed il-molla, kif għamel, malli jaib fil-lenti l-oġġett li tiegħu ried jieħu r-ritratt. Imbagħad mhux kontestat illi l-iżviluppar tal-film għamlu kollu l-konvenut; jiġifieri x-xogħol kol-

li fotografiku sar mill-konvenut;

Illi, b'konsegwenza ta' dak li ntqal, it-talba ta' l-attur fuq iż-żewġ kawżali dedotti minnu fiċ-ċitazzjoni ma tidhirx sostenibili;

Illi l-attur, fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, iddeduċa kawżali oħra, li ma ġietx dedotta fiċ-ċitazzjoni u lanqas imsemmija fit-trattazzjoni orali tal-kawża, dik, jiġifieri, li r-ritratt fil-kwistjoni jappartjeni lilu fit-termini tal-Copyright Act, 1911. Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur fuq din il-kawżali ġdida, għaliex altrimenti tkun qiegħda tiddeċidi "extra petita". Kieku kellha tiġi milqugħa s-sottomissjoni ta' l-attur, kien jiġi illi l-kawżali taċ-ċitazzjoni tista' tiġi mibdula jew miżjuda—ħaġa li ma tistax issir. Il-kawżali taċ-ċitazzjoni fil-Qrati Superjuri ma tistax tinbidel; u jekk il-Qorti tiddeċidi fuq din il-kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha tkun "extra petita" (Vol. XXXIII—I—748). L-istess bħal ma l-eċċezzjonijiet formali ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, għaliex altrimenti l-Qorti ma tiddeċidihomx (XXXIV—I—410), hekk ukoll il-kawżali taċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi dedotta f'nota ta' osservazzjonijiet, imma biss fiċ-ċitazzjoni. Barra miċ-ċitazzjoni, kawżali simili għandha tiġi kunsidrata qisha mhix dedotta, u l-Qorti ma tistax tiddeċidi fuqha; altrimenti jkun qed jiġi deċiż fuq ċitazzjoni mingħajr kawżali, li hi nulla;

Rat fol. 74 in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u fol. 75 il-petizzjoni, li biha talab li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi revokata, billi jiġi konsegwentement deċiż a tenur tad-domandi; bl-ispejjeż:

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma sufficjentement rikapitolati fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti ma teżitax taċċetta bħala l-vera l-versjoni ta' l-attur appellant; għaliex dik tal-konvenut hi għal kollox inverosimili. Infatti:—

(a) Jekk hu veru dak li jallega l-konvenut, ċjoè li hu ra mill-ewwel dan l-inċident straordinarju ta' serp li kien qiegħed jistrangola l-ġurdien, li hu ddeċieda minn jeddu li, flok jieħu

r-ritratt tal-Knisja "Ta' Pinu", jieħu dak ta' dan l-inċident eċċezzjonali, u li ssettja l-camera biex jieħu r-ritratt, x'raġuni kellu biex jagħti l-camera lill-attur biex dan sempliċement jikklikkjaha hu? Ebda spjegazzjoni ta' daqshekk ma ta l-konvenut ħlief li qal "ma nafx x'daħalli f'moħħi". Peress li l-konvenut ma azzardax jiċħad il-fatt li kien l-attur li ġibed ir-ritratt, għalhekk, biex jeskludi l-attivitajiet l-oħra ta' l-attur, kellu bil-fors jaqa' fil-banalità li hi fuq rilevata;

(b) Jekk hu veru dak li qal il-konvenut, li ma kien hemm ebda idea ta' kollaborazzjoni, għaliex, allura, kif stqarr huwa stess, in segwitu ċempel telefon lill-attur (fol. 29) u infurmah li l-"Picture Post" kienu offrewlu somma ta' flus għar-ritratt, u wara urih l-ittra ta' dik il-gazzetta bl-offerta tagħha? Għalfejn, sussegwentement, kif qal anki hu stess, jerġa' jċempel lill-attur u jistaqsih jekk kienx ra r-ritratt riprodott fil-"Picture Post"? Għalfejn, "ex admissis", fol. 29 tergo, joffri lill-attur £3, jekk dan, kif irid jagħti ad intendere l-konvenut bil-verżjoni tiegħu, ma kellu xejn x'jaqsam mar-ritratt, ħlief li, fuq impuls inspjegabbli tal-konvenut, li tah il-camera proprju fil-mument psikoloġiku, ikklikkja r-ritratt? Dawn iċ-ċirkustanzi, li jistunaw mal-verżjoni tal-konvenut, inveċe jadattaw ruħhom b'naturalezza mal-verżjoni ta' l-attur;

Għalhekk hu ċar li fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ iffurmat ruħha, almenu dak il-mument, speċi ta' assoċjazzjoni bejn l-attur u l-konvenut sabiex jiġi "exploited" finanzjarjament ir-ritratt artistiku li kien sejjer jittieħed;

Ikkunsidrat;

Indipendentement mill-premess, id-domanda ta' l-attur hi sostnuta tant in bażi għall-art. 616 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, kemm in bażi għad-dispożizzjonijiet tal-"Copyright Act, 1911", li hu applikabbli għal Malta (ara Kummerċ "Portelli vs. Mackay", u P.A. "Mallia ne. vs. Ruggier", 14 ta' Marzu 1936);

L-Ewwel Qorti rriteniet li ma tistax tikkunsidra l-każ in bażi għall-Copyright Act, għax din kienet tkun kawżali ġdida, u d-deċiżjoni kienet tkun "extra petita". Dan, però, ma hux

hekk: għax mhijiex kwistjoni ta' kawżali, imma ta' liġi, waħda jew oħra, li tista' tkun applikabili jew le għall-każ in ispeċje;

Ikkunsidrat;

Normalment, meta persuna tipproduċi ħaġa ta' xorta ġdida mill-materjal ta' ħadd ieħor, sia l-materjal, avvolja dan il-materjal ma jistax jiġi fl-istat ta' qabel, għandu dritt li jżomm il-ħaġa formata minn dik il-persuna, salv li jħallasha tal-prezz tax-xogħol (art. 614 Kap. 23). Iżda meta x-xogħol ikun ta' valur superjuri bil-bosta għall-materjal użat, allura x-xogħol jitqies bħala l-ħaġa prinċipali, u l-persuna fuq imsemmija għandha d-dritt li żżomm il-ħaġa hekk formata, salv li tħallas lis-sid il-prezz tal-materjal (art. 616 idem). Issa, hu ovvju li, fil-każ preżenti, l-opera artistika li ħarġet bir-ritratt (dok. A fol. 6) hi ferm superjuri għall-valur tal-film użat;

A propożitu, huma ta' interess l-osservazzjonijiet li għamlu l-Imħallfin tal-Qorti ta' l-Appell Ingliża fil-kawża "Nottage and Another v. Jackson", 8th. August 1883 (Law Reports, Queen's Bench Div., Vol. XI, p. 627). Dan kien każ qabel il-Copyright Act, li, kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, qal min hu l-awtur tal-copyright f'fotografija; iżda dawn l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ingliża qegħdin jissemmew mhux in konnessjoni mal-punt tal-copyright, li jiġi trattat 'il quddiem, imma biex jiġi illustrat il-valur ta' l-opera artistika li tisvalorizza l-materjal użat. Il-Master of the Rolls, Brett, fil-kors tad-deċiżjoni tiegħu, osserva li r-ritratt hu dovut għal dak li jkun ideah — "still it is his mind and act ..... which is the effective cause of the picture such as it is when it is produced". Lord Justice Cotton, fil-kors tad-deċiżjoni tiegħu, similment irritjena li r-ritratt hu dovut mhux għal "the mere preparing the materials, or preparing and supplying of the instruments — the lens and the camera...........", imma għall-"originating, making and producing, as the inventive or master mind, the thing..........." U Lord Justice Bowen, fil-kors tad-deċiżjoni tiegħu, qal li r-ritratt hu dovut lil "the man who really represents or creates, or gives effect to the idea, or fancy, or

imagination..............." Għalhekk għandu raġonevolment jiġi ritenut li l-attur, bl-idea tiegħu li jieħu vantaġġ minn dak l-inċident eċċezzjonali, ikkrea opera artistika evidentement superjuri għall-valur tal-film, li hi bħala ħaġa mejta qabel ma jiġi impress ir-ritratt. Kwindi, anki in bażi għar-regoli ta' l-ispeċifikazzjoni, l-attur għandu dritt fuq ir-ritratt, għad li mhux qiegħed jeżiġi d-dritt li tagħtih il-liġi fit-totalità tiegħu, iżda biss għal nofs;

Kwantu għall-pożizzjoni ġuridika taħt il-Copyright Act, hu veru li dan l-Att statwixxa li "the person who was the owner of the original negative at the time when such negative was made is to be deemed the author of the work" — dispożizzjoni intiża biex ixxolji "the difficulty, under the old law, of determining who was the author of a photograph" (ara Copinger, 1948 edition, p. 96). L-istess test issa ċitat (p. 25) jispjega li, f'każ ta' ritratt, il-proċess jestendi għal "taking, developing, and fixing the negative, and printing, toning, and fixing the positive"; u jesprimi l-opinjoni tiegħu li ritratt hu "made" "at least as soon as the negative is developed", b'mod li fl-opinjoni tiegħu, biex ritratt ikun "made", hemm bżonn ikun "taken" u n-"negative developed";

Issa, il-konvenut igħid "sic et simpliciter" li l-film kien tiegħu meta ttieħed ir-ritratt u ġiet żviluppata n-negativa;

Iżda dan mhux korrett. Din il-Qorti ġa esprimiet il-fehma tagħha li, fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ, f'dak il-mument ġiet bejn il-kontendenti formata speċi ta' kollaborazzjoni, ossija assoċjazzjoni, għall-iskop li jiġi sfruttat l-inċident ("scene in nature"), billi jiġi fotografat bil-film u camera somministrati mill-konvenut. Għalhekk, bħal ma jiġri, skond il-prinċipji legali, fi kwalunkwe assoċjazzjoni simili (ara Bolaffio e Vivante, Cod. Comm. Commentato, Vol. IV, p. 634-635), il-film, avvolja somministrat mill-konvenut, waqa' fil-komunjoni ta' l-assoċjazzjoni, vinkolat, appuntu b'effett ta' l-assoċjazzjoni, għall-iskop komuni tagħha. Isegwi, għalhekk, li fil-mument rilevanti l-film kien, mhux aktar tal-konvenut, iżda ta' l-assoċjazzjoni, vwoldiri tat-tnejn — attur u konvenut; u kwindi, in bażi għall-istess dispożizzjoni tal-Copyright Act, it-tnejn huma l-awturi;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-attur għandu d-dritt li jitlob rendikont mill-konvenut; tant għaliex dan il-jedd jikkompeti lilu bħala konsegwenza ta' l-istat tal-komunjoni fil-copyright u sfruttament tar-ritratt (ara App. Kumm. "Huber vs. Gingell", 9 ta' Mejju 1906, u App. Kumm. "Callus vs. Morana", 14 ta' Mejju 1945), kemm ukoll għaliex il-konvenut fit-trattativi tiegħu mal-gurnali għandu jitqies li aġixxa bħala mandatarju ta' l-attur, oltrekkè fl-interess tiegħu proprju; u, bħala mandatarju, hu tenut (App. "Cassar vs. Demarco", 11 ta' Diċembru, 1942);

Għaldaqstant tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li l-attur għandu interess fin-nofs fil-proprjetà tan-negattiva tar-ritratt in kwistjoni, u għalhekk f'kull profitt li sar jew għad isir minn dik in-negattiva, u tikkundanna lill-konvenut jagħti lill-attur, fi żmien ħmistax-il ġurnata mil-lum, kont ġust u fidil skond il-liġi tal-qliegħ li sal-lum għamel mir-ritratt in kwistjoni;

L-ispejjeż, tant ta' l-ewwel kemm tat-tieni istanza, jitħallsu mill-konvenut sokkombent.